15 ta' Jannar, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Ulisse Azzopardi *versus* Mary Milazzo (*)**

**Subasta — Irkantatur — Mandat.**

*Fis-subasti volontarji l-irkantatur għandu l-karattru ġuridiku ta' mandatarju tal-venditur; u għalhekk il-venditur jista' jirrevoka l-inkarigu lill-irkantatur meta jkun irid.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta tagħtu l-inkarigu biex jipproċedi għall-bejgħ bl-irkant tal-mobbli tad-dar tagħha numru 253, Strada Fleur-de-Lys, Birkirkara, u li hi segwitu rrevokatlu l-inkarigu u nkarigat irkantatur publiku ieħor għall-istess oġġett; u b'hekk ipprivatu mill-profitt ta' ċirka £25 li kien jagħmel kieku rkanta huwa dawk il-mobbli; talab illi l-istess konvenuta tiġi kundannata tħallas lilu bħala ndennizz l-ammont fuq imsemmi ta' £25, jew ammont ieħor verjuri li jirriżulta, lilu dovut għall-perdita tal-profitt fuq imsemmi. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż;

---

(*) Konfermata fl-Appell, 11. 3. 46.

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-attur ma kienx irċieva inkarigu sod minn għand il-konvenuta, imma magħha kien hemm biss trattativi li ma seħħewx;

Illi barra minn dan, fis-subasti volontarji il-karattru ġuridiku ta' l-irkantatur huwa dak ta' mandatarju tal-venditur u kwindi l-inkarigu mogħti lill-attur mill-konvenuta — jekk hija tagħtu definittivament dak l-inkarigu — seta' jiġi minnha revokat meta dina riedet tagħmel hekk;

Illi l-attur lanqas ma għandu d-dritt jirreklama xi kumpens għal xi xogħol li huwa għamel, għaliex mill-provi jirriżulta li ma laħaq għamel xejn; u dana apparti l-fatt li r-reklam ta' kumpens għal xogħol magħmul ma jidħolx fil-kawżali taċ-ċitazzjoni li tirrigwarda danni;

Għal dawn il-motivi;

*Tiċħad it-talba ta' l-attur;* bl-ispejjeż kontra tiegħu.